

# IL-Kappillan Dun Ġużepp Vella u Ħal Qormi fi żmienu 1733-76)

*Dr. Joseph F. Grima*

Din is-sena l-Kumitat Festi Esterni qed iżanżan statwa ta' Dr Dun Ġużepp Vella li ser tintrama f'tarf iz-zuntier tal-knisja għall-festi ta' San Ġorġ. Imma forsi hawn min jistaqsi: Min kien dan is-saċerdot? Ser issir statwa li tirrappreżentah għas-sempliċi raġuni li kien kappillan ta' raħalna? Kellu xi rabta speċjali u/jew partikolari mal-festa tal-qaddis patrun San Ġorġ? Ħal Qormi bħala raħal gawda xi ħaġa minn għemilu f'ħajtu? Ejjew flimkien nagħtu daqqa t'għajn ħafifa lejn ħajtu u ħidmietu f'Ħal Qormi u jien aktar minn ċert li lkoll ser taqblu li kien bniedem li tassew jisthoqqlu jibqa' mfakkar fl-istorja ta' raħalna.

## Min Kien?

L-ewwel nett Dun Ġużepp ma kienx imwieled Ħal Qormi iżda dan ma jfissirx li f'ħajtu ma ħabbx lir-raħal tagħna. Twieled il-belt Valletta fit-23 ta' Mejju 1691, iben Martin u Anna Marija. L-għada tgħammed fil-Knisja Parrokkjali ta' San Pawl. Dwar tfulitu ma nafu xejn iżda bilfors li kien intelliġenti u mexa 'l quddiem fl-istudji akkademiċi tiegħu għalkemm ma nafux, almenu s'issa, fejn studja. Iżda jibqa' l-fatt li kellu dottorati fil-Liġi u fit-Teoloġija apparti li nafu li kien predikatur magħruf u bniedem kolt.

Il-konnessjoni tiegħu ma' Ħal Qormi ma bdietx meta sar il-kappillan tar-raħal iżda xi snin qabel. Il-predeċessur tiegħu, Dun Silvestru de' Syra (jew Desira) li mexxa l-parroċċa mill-1701 sal-1733, kien xjieħ sew (kellu 79 sena) fl-1731 meta saret il-konsagrazzjoni tal-knisja parrokkjali mill-Isqof Alpheran de Bussan fis-6 ta' Mejju. F'dik id-data, il-kappillan Desira kien diġà marid u l-awtoritajiet ekkleżjastiċi għaxar xhur qabel kienu diġà ħatru lil Dun Ġużepp Vella bħala l-kurat tal-parroċċa u dan, naturalment, kellu sehem qawwi fiċ-ċerimonja tal-konsagrazzjoni. Fil-fatt, Desira miet sbatax-il xahar wara, fil-15 ta' Ottubru 1733, u ndifen fil-Knisja Parrokkjali ta' San Ġorġ. Xahar wara, eżattament fil-15 ta' Novembru 1733, il-kurat Dun Ġużepp Vella ngħata l-pussess tal-parroċċa qormija li dam imexxiha għal kważi 43 sena.

## Il-Parroċċa fi Żmien il-Kappillan Vella

Minn memorjal li jinsab fl-Arkivju tal-Ordni ta' San Ġwann fil-Biblijoteka tal-Belt, flimkien ma' riċerka f'fonti oħrajn, insibu tagħrif interessanti

dwar Ħal Qormi u niesu lejn is-snin erbgħin tas-seklu tmintax u allura nistgħu nibnu stampa tajba tal-parroċċa li kien qed imexxi l-Kappillan Vella.



F'Ħal Qormi kien hawn 8 knejjes filjali u aktar minn 100 forn, madwar 20 bidwi b'artijiet estensivi msejħin *agricoltori*, numru akbar ta' massara, aktar minn 130 gabillot flimkien ma' qrib il-100 ġardinar u bejjiegħa ta' prodotti agrikoli. Fi kliem ieħor, il-ħami tal-ħobż u l-agrikoltura kienu importanti ħafna biex il-Qormin jaqilgħu l-għajxien tagħhom.

Kien hawn ukoll il-professjonisti: tabib, spiżjar, 2 kirurġi, avukat, qassis lawrjat fit-Teoloġija, 8 għalliema (7 minnhom għall-iskejjel elementari), għalliem tal-orgni u ieħor tal-kant. In-negozjanti ma naqsux: 8 tal-qoton u tad-drappijiet, u 3 tal-kittien. F'Ħal Qormi kien hawn mhux anqas minn 66 familja li kienu jgħixu mir-renti li kellhom, jiġifieri kienu benestanti. Ir-raħal lanqas ma kien nieqes mill-kleru: 40 saċerdot u 26 bejn djakni, suddjakni u kjeriċi li lkoll kienu jagħtu s-servizzi tagħhom fil-knisja parrokkjali li kienet tlestiet fis-sura li hi llum fl-1684, ħlief għas-sagristija l-ġdida, il-lavatorju u l-kuritur li jagħti għal barra li ttellgħu għall-ħabta tal-1754 fi żmien il-Kappillan Vella. Fl-1759, kien hawn 48 qassis, l-akbar numru li qatt kien hawn f'raħalna, jiġifieri saċerdot għal kull 88 ruħ f'Ħal Qormi.

U xi ngħidu għas-snajja'? Kien hawn 8 ħajjatin, 10 mastrudaxxi, 5 skrapan, 3 li kienu jagħtu kulur (jiżbgħu) id-drappijiet, armier, 2 jaħdmu fuq it-torn, 6 barbiera, 2 nagħla (li jnieggħlu l-bhejjem) u numru bla għadd ta' furnara.

Fil-forzi armati, ir-riġment (tal-milizzja) ta' Ħal Qormi kien kompost minn 439 suldat. Fuq il-baħar kienu jaħdmu xi Qormin ukoll. Bejn l-1743 u l-1747, kien hemm 26 kursar qormi li b'kollox kienu jammontaw għal 4.63% mill-kursari Maltin li kienu qed joperaw f'dak il-perjodu. Baħrin kien hemm ukoll, għalkemm in-numru ma nafuhx. Nafu li fl-1746, kien hemm 4 Qormin jaħdmu fuq il-brigantini tal-merkanzija li kienu jbaħħru lejn Spanja u allura għandna għax naħsbu li l-għadd ta' baħrin Qormin ma kienx wieħed negliġibbli.

Dwar il-popolazzjoni, in-numru korrett ta' abitanti Qormin kien hekk: fl-1734 – 3240; fl-1736 – 3277; fl-1740 – 2435; fl-1741 – 3477; fl-1745 – 3568; fl-1747 – 3406; u fl-1760 – 3726. Għal dak li kellu x'jaqsam ma' gvern lokali, Ħal Qormi kien suġġett għall-Kaptan tal-Virga (il-Ħakem) u l-Ġurati tal-Imdina.

Għaldaqstant, kleru biżżejjed biex jgħin lill-kappillan f'Ħal Qormi kien hawn u ma kienx hawn tgergir li l-poplu ma kienx mitluq u moqdi fil-bżonnijiet spiritwali tiegħu. Anzi riċerka dwar iż-żwiġijiet f'Malta fis-seklu tmintax turi lill-Kappillan Vella bħala wieħed minn dawk li kienu jaqdu dmirijiethom kif suppost.

*ikompli f'paġna 97*

Barra minn hekk, diġà għidna li l-bini u l-konsagrazzjoni tal-knisja kienu lesti u allura, meta nqisu dawn il-fatturi kollha, kienet ħaġa minn awl id-dinja li l-Kappillan Vella jħares madwaru u jimla b'diversi opri l-vojt li kien għad hemm f'xi setturi. U f'dan ir-rigward ma baqax lura.

## L-Opri fil-Knisja li saru għall-Festa Titulari

Ma kinux biss opra jew tnejn li saru minn dan il-kappillan u l-parroċċa biex ikabbru ċ-ċelebrazzjoni tal-festa tat-titular li sal-1740 probabbilment kienet issir bla purċissjoni għax din ma tissemmiex fil-Viżti Pastorali. Il-festa kienu jiċċelebrawha fil-knisja b'żewġ għosrien bil-kant, quddiesa solenni bil-mużika u l-paniġierku. Il-Kappillan Vella ħa ħsieb biex il-festa tkabbret sew mill-1741 'il quddiem kif jidher ċar minn dan l-elenku ta' opri li saru b'konnessjoni mal-festa ta' San Ġorġ.



**Il-Vara Titulari:** inkiteb diġà ħafna fuq il-vara li naqqax l-iskultur qormi Pietru Felici fl-1738 u li żżanżnet nhar il-Ħadd, 23 ta' April 1741 u mhuwiex il-każ li noqogħdu nirrepetuh. (Għad-dettalji, hemm il-pubblikazzjoni kommemorattiva ta' 52 paġna li jien kont ippubblikajt fl-1991). Kienet waħda mill-verament ftit vari titulari proċessjonali li kien hawn f'Malta u kien il-poplu qormi li ħallas l-ispejjeż kollha konnessi mal-iskultura tal-vara, l-anġli u l-pedistall, iż-żebgħa u l-induratura eċċ. li flimkien laħqu s-somma ta' madwar 417-il skud, somma kbira għal dak iż-żmien. Madankollu, f'nota f'wieħed mir-reġistri parrokkjali, il-Kappillan Vella kiteb b'sodisfazzjon li "in-nefqa kollha għamel tajjeb għaliha l-poplu kollu, hekk li l-knisja lanqas biss ħabba ma ħarġet minn ġewwa." Bħalma jafu l-parruċċani kollha, din il-vara ġiet restawrata u tlestiet għall-festa ta' din is-sena.

**Niċċa għall-Vara Titulari:** il-vara ta' San Ġorg ilha tintrefa' fin-niċċa preżenti (li ġiet restawrata wkoll din is-sena) mill-1926. Qabel kienet tintrefa' fin-niċċa fejn illum insibu l-vara ta' San Mikiel fil-kappellun tal-Kandlora. Din in-niċċa saret apposta għat-titular fl-1743 u qamet 22 skud u nofs biex saret. Ovvjament, għax hekk titlob is-simetrija fix-xogħol, saret pariġġ magħha n-niċċa fejn tintrefa' l-vara tal-Madonna tar-Rużarju, fil-kappellun l-ieħor dedikat lill-istess titlu tal-Madonna.
**Ostensorju tar-Relikwa:** mal-vara, iżżanżan ukoll ostensorju għar-relikwa tat-titular li kien rigal ta' Tereża Ducos. Din il-benefattriċi oriġinarjament kienet

*ikompli f'paġna 98*

ilsira Mawmettana tas-sinjura Clotilde Ducos. Saret Nisranija u, bħalma kienet id-drawwa, ħadet kunjom is-sinjura tagħha li wkoll ħallitilha bosta ġid. Tereża mietet fl-1761. Parti mill-ostensorju li rregalat għadu jeżisti għax meta l-Kappillan Dun Anton Vella fl-1936 għamel ostensorju ġdid – dak li għandna llum – is-sieq sabiħa tal-qadim ġiet inkorporata fil-ġdid.

**Sfera għas-SS. Sagrament:** mal-vara wkoll saret sfera tal-fidda li, apparti li kellha 8 libbri fidda, kellha kuruna u żewġ anġli bil-palma f'idejhom, kollox xogħol tal-arġentier Andrea Pace għall-ispiża totali ta' 200 skud. Fl-1936, bi tħabrik tal-Kappillan Dun Anton Vella, ingħatat banju tad-deheb, żejnuha b'ħaġar prezzjuż inklużi 70 djamant, u żidulha salib bid-djamanti li kien donazzjoni tan-negozjant qormi s-Sur Giovanni Coleiro. Sfortunatament, fil-lejl ta' bejn it-3 u l-4 ta' Marzu 1969, din l-isfera prezzjuża nsterqet u baqgħet ma nstabitx.

**Opri mill-Fratellanzi:** bi tħejjija għal meta tiżżanżan il-vara ta' San Ġorġ, iż-żewġ fratellanzi eżistenti fil-parroċċa ma baqgħux lura. Ir-Rużarjanti għamlu standard ġdid fl-1739 u żewġ lanterni ġodda tal-injam indurat fl-1740. Tas-SS. Sagrament għamlu stendard ġdid fl-1740. F'dawn is-snin, il-vara kienet qed tinżebagħ u kienet qed tiġi ndurata. Ta' min ifakkar li dawn iż-żewġ fratellanzi ngħataw id-dritt esklussiv li jerfgħu l-vara titulari, dritt li baqa' esklussiv sa wara t-Tieni Gwerra Dinjija meta, bir-raġun kollu, daħlu magħhom it-tliet fratellanzi l-oħra.

**Opri Oħra:**
B'dan kollu li għadna kemm elenkajna, ma jfissirx li kulma sar kien marbut mal-festa, kif ser naraw minn din il-lista li ġejja. Ċerti opri kienu bżonn – x'uħud għaċ-ċelebrazzjoni tal-liturġija – filwaqt li oħrajn sebbħu l-knisja parrokkjali.

**Is-Sedili tal-Kor:** meta leħaq il-Kappillan Vella, il-kor kien pjuttost għeri, mingħajr sedili iżda jidher li kien ordnahom kważi malli ħa l-pussess u sal-1736 kienu tlestew u tqiegħdu f'posthom. Wara l-bini tal-koppla fl-1684, l-Isqof Cocco Palmieri fl-1686 kien ordna li jsiru iżda ma sar xejn u kien il-Kappillan Vella li ħa ħsieb li titwettaq l-ordni tal-Isqof.



**Paramenti Sagri:** fl-1734-5 inbeda l-ġbir għall-apparat sħiħ biex jintuża fil-funzjonijiet pontifikali liturġiċi. Id-dokumenti jixhdu li, f'dan ir-rigward, il-Kappillan Vella sab għajnuna kbira mingħand is-sagristan Anġlu Micallef u żewġ qassisin: Dun Ġwakkin Gatt (1689-1767) u Dun Ġużepp Borg.

**Bdil tal-Post tal-Orgni:** il-

gallarija tal-orgni li naraw illum fuq il-bieb ewlieni tal-knisja ma kinetx teżisti dak iż-żmien iżda, sal-1736, l-orgni kien fuq palk fit-tieni kappella ħdejn il-pulptu u jisporġi 'l barra fil-korsija. L-Isqof Alpheran ordna li jitqiegħed fil-kor u, biex isir ix-xogħol, innomina lil dawn l-erba' qassisin: il-Prokuratur tal-Knisja Dun Natale Azzopardi (1699-1752), Dun Teramo Psaila (1672-1750), Dun Ġwann Mula (1672-1760) u Dun Alfons Dimech. Għaldaqstant, kellhom isiru żewġ gallariji għall-orgni fuq il-bibien li jagħtu mill-kor għaż-żewġ sagristiji (illum f'waħda minnhom hemm il-vari tal-Ġimgħa l-Kbira). Illum flok il-gallariji hemm żewġ pitturi laterali kbar. Dan ix-xogħol twettaq bejn l-1736 u l-1756 meta sar taraġ biex jitilgħu ħdejn l-orgni minflok is-sellum li kien użat għall-ewwel. Fl-1767, il-benefattur Mattew Gatt, qormi li kien residenti l-Belt, ħareġ mitt skud għall-ispejjeż ta' dawn il-gallariji li x-xogħol fuqhom intemm kollu fl-1768. L-orgni baqa' f'dan il-post sal-1843.

**Kartelli tal-Glorja:** fl-1753 saru t-tliet gwarniċi tal-fidda għall-kartelli tal-glorja tal-artal maġġur li tħallsu hekk: waħda minn Rafel u Ewstakju Borg u t-tnejn l-oħra minn legat imħolli minn Ġużeppi Genuis. Dawn il-gwarniċi huma fost il-ftit fided tas-seklu 18 li baqa' fil-knisja għax fl-1798 il-Franċiżi ħadu kulma sabu għal idejhom.

**L-Artal Maġġur:** meta saret il-konsagrazzjoni tal-knisja fl-1731, kellhom jiksu l-mensa tal-artal b'irħama sħiħa, u dan biex kollox ikun konformi mal-Pontifikal Ruman. Jidher li nksew ukoll partijiet oħra b'irħam ta' lwien differenti, fosthom mensola sħiħa ta' rħam abjad. Dan ix-xogħol ta' kisi bl-irħam tkompla ftit anqas minn tletin sena wara u fl-1759 saru t-tħejjijiet biex jinkesa l-iskannel u jkun hemm tabernaklu fin-nofs biex fuqu titqiegħed ġilandra tal-irħam. Fil-fatt, fil-31 ta' Ottubru 1760, tħallsu 18-il skud akkont ta' din il-ġilandra. L-artal inkesa kollu bl-irħam u x-xogħol kien lest sas-6 ta' Frar 1760. L-ispejjeż telgħu għal 750 skud li tħallsu mill-aħwa xebbiet Domenica, Modesta u Tereża Sant li, fil-kitba tiegħu, il-Kappillan Vella sejħilhom "benefattriċi kbar tal-knisja tagħna". Kienu diġà wrew ġenerożità kbira qabel tant li l-Isqof Alpheran kien irregalalhom qabar fil-knisja.



**Il-Fonti tal-Magħmudija:** fl-1760 ukoll, sar il-fonti tal-magħmudija tal-irħam li jitqies bħala wieħed mill-aqwa li hawn fil-gżejjer Maltin sforz it-tifsila tiegħu kif ukoll minħabba l-kwalità, l-ilwien u x-xogħlijiet tal-irħamiet li fih. Il-benefattur

*ikompli f'paġna 101*



kien Dun Ġwann Mula li miet fis-6 ta' Diċembru 1760. Fl-awla presbiterjali tal-knisja hemm kwadru ta' Dun Ġwann filwaqt li kitba ħdejn il-fonti tfakkar din l-għotja.

**L-Artal tal-Kunċizzjoni:** Fl-1736, il-Kappillan Vella għamel rikors biex l-artal li kien dedikat lill-*Madonna tal-Katina* u l-*Preżentazzjoni tal-Madonna fit-Tempju* tinbidillu d-dedikazzjoni tiegħu u ssir lill-Kunċizzjoni. It-talba ġiet aċċettata bil-kundizzjoni li l-kwadru titulari l-ġdid ikun fih ukoll il-figuri ta' Sant'Anna u San Ġwakkin, il-ġenituri tal-Madonna. Dan l-artal, fil-kappellun tal-Kandlora, għadu sallum b'din id-dedika. Il-pittur tal-kwadru ma nafux min kien.

**Pitturi:** tul il-parrokat ta' Dun Ġużepp Vella, saru diversi pitturi ta' preġju għall-knisja. Diversi kwadri tas-seklu tmintax ġew attribwiti lill-pittur ċelebri Francesco Zahra f'dati li mhumiex magħrufin preċiżi. Iżda almenu tnejn huma żguri xogħlijiet tiegħu. Fl-1754, Zahra pitter titular ġdid għall-artal ta' San Mikiel li ħallas għalih Dun Ġwann Mula li diġà semmejtu. Fih jidher San Mikiel jitqabad max-xitan u jidher ukoll San Ġlormu f'għar qed jaħdem fuq it-traduzzjoni tal-iskrittura. Illum, din il-pittura hi f'kollezzjoni privata. Skont testimonjanza fid-djarju tal-Konti Saverio Marchese, kritiku tal-arti li twieled fit-tieni nofs tas-seklu tmintax, il-kwadru titulari tal-Kandlora hu xogħol ta' Zahra. Jitqies li hu wieħed mill-aqwa xogħlijiet li qatt pitter Zahra. Aktarx ukoll li Zahra personalment, jew il-*bottega* tiegħu, kien responsabbli għall-kwadretti tal-Via Sagra li minnhom għad baqa' erbgħa biss: l-ewwel, it-tieni, it-tnax u t-tlettax-il stazzjon li kollha jippuntaw subgħajhom lejn Zahra minħabba raġunijiet stilistiċi.

**Legati:** ma naqsux ukoll numru ta' legati li raw il-bidu tagħhom tul il-parrokat tal-Kappillan Vella.

1. Fl-1747, Dun Ġwann Psaila (1760-1748) ħalla legat li għalih l-ewwel preferenza kellha tingħata lil tfajla għarusa mill-familja tiegħu, u jekk ma jkunx hemm, allura l-legat kellu jingħata lit-tfajla l-aktar fqira fir-raħal.
2. Fl-1758, Dun Ġwann Mula (li miet fl-1760) ħalla somma kapitali biex jiddota l-aktar tliet xebbiet fqar tar-raħal bil-patt li jtejġu nhar San Ġorġ wara l-kant tan-Nona.
3. Fl-1758 ukoll, ftit qabel miet, Dun Dumink Psaila (1684-1758) ħalla bini ħdejn il-knisja biex fih jerfgħu l-affarijiet tal-knisja. Bdew isejħulu u baqa' magħruf bħala *tal-misteri* għax, maż-żmien, kienu jerfgħu fih il-vari tal-

*ikompli f'paġna 102*

Ġimgħa l-Kbira sa madwar 45 sena ilu u llum hemm fih ir-radju immexxi mill-Kumitat Festi Esterni.

4. Barra minn hekk, l-istess Dun Dumink ħalla għalqa biex issir quddiesa għall-erwieħ tal-fratelli ta' San Mikiel kull tieni Ħadd tax-xahar.
5. Fl-1765, Dun Ġwakkin Gatt (li miet sentejn wara) ħalla s-somma ta' 665 skud biex mill-imgħax tagħhom isirulu quddies għal ruħu, uħud minnhom fuq l-artal tal-kor.
6. Fl-1774, Nazju Cocsin ħalla legat biex jiddotaw żewġ xebbiet foqra tar-raħal bil-kundizzjoni li kellhom itejġu nhar il-Kandlora.
7. Fl-1775, Salvu Psaila ħalla skud biex jitħallsu l-ispejjeż tad-daqq ta' fifra u tanbur fil-purċissjoni ta' San Ġorġ.
8. L-istess Psaila ħalla wkoll 8 skudi u 8 rbajja' biex isirlu quddies nhar ta' Erbgħa fuq l-artal tal-Kunċizzjoni. Il-flus kellhom jidħlu mill-qbiela ta' ġnien bis-sigar.



**Ħal Qormi jsir Belt Pinto**

Il-Kappillan Vella ħa l-inizjattiva biex fis-27 ta' April 1743 talab lill-Gran Mastru Pinto ħalli Ħal Qormi jingħata l-ġieħ ta' belt u sejjes l-argumenti tiegħu fuq materjal li kien jinsab fl-arkivju parrokkjali. Fir-rikors tiegħu, Vella ddikjara li, meta Ħal Qormi leħaq popolazzjoni ta' 3000 ruħ, beda jissejjaħ *Terra Curmi*. Skont Vella, il-popolazzjoni ta' Ħal Qormi issa kienet żdiedet għal 6047 persuna u allura talab li dan ir-raħal jingħata t-titlu ta' belt u isem li jogħġbu jagħtih il-Gran Mastru stess. Wara li ħa parir, il-Gran Mastru Pinto laqa' t-talba tal-Kappillan Vella u, fil-25 ta' Mejju 1743, iffirma digriet biex Ħal Qormi jkun magħruf bħala l-Belt Pinto.

Iżda hawnhekk nagħmluha ċara li sar logħob bil-figuri tal-popolazzjoni għax in-numru ta' qormin kien anqas mill-figuri li ddikjara Vella: 6043 persuna flok il-figura vera ta' 3435 ruħ fl-1741 u 6134 abitant flok in-numru eżatt ta' 3568 fis-sena 1745. Jidher ċar li saret dak li l-Ingliżi jsejħulha "*a white lie*" u sar logħob bil-figuri biex inkiseb dak li ntalab.

**Il-Qagħda Reliġjuża Qormija fi Żmien il-Kappillan Vella**

Iżda wieħed għandu jevalwa l-ħidma ta' kappillan mhux biss mill-opri artistiċi li jsiru fi żmienu jew mill-interess ċiviku tiegħu, iżda wisq aktar mill-qagħda reliġjuża tal-parroċċa li jkun qed imexxi jew mexxa. Fir-rigward tal-Kappillan Dr.

*ikompli f'paġna 104*

Dun Ġużepp Vella, teżisti t-testimonjanza tal-Isqof Alpheran de Bussan li, fil-Viżta Pastorali dettaljata li wettaq f'Ħal Qormi fl-1747, ħallielna stampa ta' parroċċa f'qagħda reliġjuża tajba, u dan minbarra li, fis-snin sussegwenti, komplew żdiedu żewġ fratellanzi (ta' San Mikiel li ddotaha Alfonso Dimech u ta' San Ġużepp) mat-tlieta li diġà kien hemm u li ssemmew mill-Isqof.

Fl-1747, kien hawn 45 saċerdot u 3 seminaristi li kienu jagħtu servizz tajjeb, kemm fil-knisja parrokkjali kif ukoll fil-kappelli filjali, f'bosta ħidmiet: konfessuri, predikaturi, prokuraturi, liturġija, tagħlim eċċ. Dak iż-żmien, il-kant tajjeb kien jitqies bħala importanti u allura l-Isqof innomina żewġ qassisin bħala *Maestri di Coro* biex jgħallmu lill-kjeriċi. Kien żmien meta mhux kull qassis kellu l-fakultà li jqarar u jipprietka, filwaqt li l-kappillani kienu obbligati jgħallmu l-katekiżmu għal mhux anqas minn siegħa fil-Ħdud u l-Festi. Biex jgħin lil min kien ikun fil-bżonn, kull kappillan kien marbut jagħmel ġabra kull ġimagħtejn waqt il-quddies u dak li jinġabar kien jitqassam fost il-foqra u l-morda.

Fil-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ kien hemm numru sew ta' relikwi: il-veru linju u tal-qaddisin San Ġorġ, Sant'Andrija, Sant'Anna, San Franġisk t'Assisi li kienu kollha f'teki tal-fidda. Kellhom jinġabru fl-artal tal-kor fejn twaqqaf skannel b'tabernaklu għalihom. Barra l-festa ta' San Ġorġ, fuq l-artal maġġur kienu jiċċelebraw ukoll il-festa tat-Trasfigurazzjoni tal-Mulej u ta' San Anard. Fuq l-artal tad-Duluri kienu jiċċelebraw il-festa tad-Duluri, ġimgħa qabel il-Gimgħa l-Kbira, u tas-Sejba tas-Salib Imqaddes fit-3 ta' Mejju. Fil-Viżta ma tissemmiex purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira u dan iġegħelna naħsbu li l-bidu tagħha seħħ bejn l-1747 u l-1764, is-sena meta tissemma l-ewwel darba fejn inkiteb ukoll li kien hawn "statwi kbar u oħrajn iżgħar." Il-Kappillan Vella kien mill-Belt fejn il-purċissjoni tal-Passjoni mill-Knisja ta' Ġieżu kienet ilha ssir mill-1673 u, għaldaqstant, hi ħaġa possibbli – għalkemm din hi biss ipotesi – li kien hu li introduċa din il-manifestazzjoni f'Ħal Qormi bl-istess mod ta' purċissjonijiet qosra tar-Randan kif kien seħħ ġo Valletta.

L-Isqof dar dawra mal-artali kollha u rrefera għall-kariżmi ta' żewġ fratellanzi. Tar-Rużarju kellhom jitħarrġu f'opri devozzjonali ta' karità u jorganizzaw il-purċissjonijiet fl-ewwel Ħdud ta' Mejju u ta' Ottubru. Dwar taċ-Ċintura jingħad ftit li xejn, forsi għax il-fratellanza kienet għadha kemm twaqqfet. Dwar il-fratelli tas-SS. Sagrament, dawn kellhom id-dmir li jorganizzaw il-festa ta' *Corpus Christi*, jiċċelebraw il-festa tal-Kandlora, jakkumpanjaw lill-qassis fil-vjatku tal-morda u jakkumpanjaw fil-purċissjoni ċkejkna tat-tielet Ħadd ta' kull xahar, magħrufa bħala t-*terza*.

Kollox ma' kollox, l-Isqof Alpheran deher sodisfatt bil-parroċċa Qormija u bit-tmexxija tal-kappillan tagħha. Għandna għax naħsbu li l-istess xogħol fejjiedi baqa' għaddej bl-istess ritmu fis-snin sussegwenti u allura ma kinitx xi ħaġa tal-iskantament li l-Kappillan Vella fl-1766 intgħażel bħala Vigarju Ġenerali tad-djoċesi filwaqt li xorta waħda kompla bid-dmirijiet parrokkjali tiegħu. Il-Kappilan Vella miet ta' 85 sena fis-26 ta' Settembru 1776 u ndifen fil-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ.

**Tifkiriet Tanġibbli**



Apparti l-volum kbir ta' xogħol u opri li ħalla warajh, lill-Kappillan Vella għadna nistgħu narawh f'żewġ pitturi eżistenti. Waħda minnhom qiegħda fl-awla presbiterjali tal-knisja parrokkjali minn artist mhux magħruf għalkemm, biex inkunu għidna kollox, jista' jkun li ma tirrappreżentax lilu iżda lill-Kappillan Dun Ġużepp Formosa (1800-07). Billi l-pittura tinkludi wkoll statwetta ta' San Ġorġ, hawn min jaħseb li l-qassis fil-pittura hu l-Kappillan Vella għax il-vara saret fi żmienu. Min-naħa l-oħra, l-Kappillan Formosa fit-testment tiegħu ħalla biex issir quddiesa bil-kant u l-orgni kuljum fl-ottava tal-festa ta' San Ġorġ u allura hawn min jaħseb li l-pittura tirrappreżenta lilu. Iżda hemm pittura oħra, li qiegħda f'kollezzjoni privata u qegħdin nirriproduċuha ma' dan l-artiklu, li tirrappreżenta lill-Kappillan Vella u hi attribwita lill-pittur Malti Rokku Buhagiar (c.1725-1805). Ma ninsewx ukoll ir-reġistri parrokkjali li nkitbu minn idejn il-Kappillan Vella u li nota minnhom qed nirriproduċuha ma' din il-kitba.

Il-Kappillan Dun Ġużepp Vella kien saċerdot li ħaqqu jibqa' mfakkar u għalhekk hi ħaġa tassew xierqa li fil-parroċċa hawn triq imsemmija għalih.


